Jien, Salvu Farrugia, iben Pawlu mill-familja tal-Marokk u Rozanna, xebba Ellul, twelidt l-Imqabba f' Settembru 1928 u ghixt hemm ghal madwar tletin sena.

Qed nikteb bil-hsieb li nghaddilek tifkiriet dwar il-burdnara tal-gebla mill-barriera u x-xoghol taghhom.

Fi triq is-Sejba, kantuniera mal-barriera tal-Mastru hemm posta. Posta hi 'supporting base' fit-triq mhux boghod mir-rampa tal-barriera. Din tkun tesgha nofs vjagg gebel u gholja xi erba' filati. Dik il-posta llum tinsab mghottija (jew ahjar mirduma) bil-gebel. Dik il-posta kellha funzjoni partikulari. Nifhem li jkun tajjeb li ma' taghlim fuq il-barriera nfisha il-posta ghandu jkollha pubblicita. Forsi tajjeb inzid nghid, li qabel it-tieni gwerra, il-barriera tal-Mastru kienet l-aktar fonda fl-inhawi.

Il-burdnar kien jghabbi l-gebel ghal-garr b'dan il-mod. Kien jigbor il-kantuni kollha hdejn il-karettun, jghabbi nofshom u jitla' bihom u jhotthom fuq il-posta. Imbaghad kien jerga jinzel fil-barriera biex itella' n-nofs l-iehor. Ghal darbohra jerga jitla' fejn il-posta u jghabbi l-gebel li jkun halla hemm. Issa kien ikun lest biex jibda' t-triq bi vjagg gebel ghal ghand il-bennej. Generalment il-burdnar kien jimxi mal-bhima it-triq kollha meta kien ikun mghobbi.

Il-Burdnara maghrufa

Guzeppi Zammit (Zeppi l-Bazzi) Mqabba
Pawlu Bondin (Ganga) Mqabba
Grixti (Magajz) Mqabba
Buhagiar (L-Arbula) Mqabba
Guzepp Spiteri u ibnu Pawlu (tat-Tawru) Qrendi
Iehor maghruf bhala ta' Liena, Qrendi
Micallef Carmel ( ta' Dandu) Mosta
Pace Salvu (l-Ghawdxi) Qormi
Iehor maghruf bhala l-Biskuttin, Luqa

Dejjem tieghek

Salvu Farrugia